MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Numru 293/2007

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR
VS
STEPHEN VASSALLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Stephen Vassallo ta’ 31 sena, iben Anthony u Marianne nee’ Vella, imwieled tal-Pieta’ fil-21 ta’ Marzu 1975, residenti fl-indirizz Blk H: Neighbourhood 2, Triq il-Lellux, Santa Lucia u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 162975(M);

Illi huwa akkuzat talli f’Haz-Zabbar, f’xi hin bejn il-hdax ta’ bil-lejl ta’ nhar il-5 u s-sitta ta’ filghodu tas-6 ta’ Marzu , 2003:

1) Ikkemmettiet sgass u serq ta’ flus kontanti fl-ammont li jiskorri l-elf lira Maltin, mill-mejda tal-*billiard* zewg *amusement machines* u mill-kaxxa tat-telefon, mill-Kazin tal-Partit Nazzjonalista ‘Tabib Guze’ Agius Muscat’, li huwa sitwat f’numru 32, Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;
2) Bil-hsieb li taghmel delitt, uriet dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi mill-istess Kazin, ikkommettiet tentattiv ta’ serq ta’ flus kontanti mill-*vending machine* tas-sigaretti, liema ammont ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghha;
3) Xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom;
4) Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, meta ghamlet hsara fil-bieb principali ta’ l-istess Kazin, kif ukoll fil-mejda tal-*billiard*, f’zewg *amusement machines*, fil-kaxxa tat-telefon kif ukoll fil-*vending machine* tas-sigaretti, propjeta’ mobbli ta’ Sandro Buhagiar, Mario Pisani, kif ukoll tal-Partit Nazzjonalista, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira, imma hija izjed minn hamsin lira;
5) Ikkommettiet dhul minghajr awtorizzazzjoni fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista ta’ Haz-Zabbar;
6) Saret ricediv ghall-finijiet ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, wara li giet ikkundannata precedentement ghal serq b’diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux aktar jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti giet mgharfa mill-prosekuzzjoni illi l-imputat gie mixli quddiem Qorti ohra fuq l-istess akkuza liema akkuza ghadha pendenti quddiem Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------